**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 8 ta' Jannar, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Aldo Bajada, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 413578M**

*Kumpilazzjoni Nru. 404/2016*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Aldo Bajada, u ċioè talli:

Nhar it-3 ta' Settembru, 2012, ghal habta tat-tmienja u kwart ta' filghodu gewwa l-Ghassa tal-pulizija tan-Naxxar:

1. Bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, distrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu meta ghamel rapport ta hruq doluz meta l-hruq gie

provat li ma kienx minnu u dan ai termini tal-artikolu 295, tal-Kodici Kriminali Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess post, data u cirkostanzi ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar meta ghamel l-imsemmi rapport u dan ai termini tal-artikolu 110, tal-Kodici Kriminalii Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli f'xi hin bejn it-Tnejn (02) u it-Tlieta (03) ta Settembru, 2012, gewwa Pjazza Toni Bajada, Naxxar, volontarjament ta' n-nar lil vettura ta l'ghamla Land Rover Freelander, bin-numru tar-registrazzjoni JBM524, izda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna filwaqt tal-hruq, fejn din il-vettura kienet qieghdha b'mod li seta' qabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gew kien hemm xi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 317(b) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistax jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill- imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liguijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikolu 295 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'kellu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

Illi l-kaz tal-prosekuzzjoni hu msejjes ghal kollox fuq il-konkluzzjoni tal-espert mahtur fl-inkjesta magisterjali, Peter Paul Coleiro, fejn wara rapport mill-aktar dettaljat dwar id-dinamika ta' kif inbeda, infirexx u fl-ahhar intefa' in-nar fil-vettura tal-imputat, wasal biex ghamel certu konkluzzjonijiet dwar ghaliex skond hu, ghandu jirrispondi ghal tali ghemil l-imputat.

Jinghad mill-ewwel li din il-konkluzzjoni hi msejjsa fuq assunzjonijiet milhuqa mill-abbli espert u spekulazzjoni frott ta' diskursata li l-imputat kellu mieghu fil-hin li kien qed isir l-access[1] u mhux ghaliex kien inkarigat jiehu x-xhieda tal-imputat. Li kieku kien hekk inkarigat, kienu jiskattaw l-obbligi procedurali li, fin-nuqqas taghhom, kwalunkwe stqarrija rrilaxxata mill-imputat galadarba nibet is-suspett fih bhala l-awtur tad-delitt, kienet tkun ghal kollox vizzjata.

Illi jirrizulta sa minn meta l-imputat mar jaghmel ir-rapport l-ghassa, li mill-ewwel iddikjara li l-bieba tan-naha tax-xufier *"ma kienitx maghluqa sewwa"*.[2] Dan jigi kkonfermat mill-espert Joseph Zammit,[3] li kien minn tal-ewwel li wassal fuq il-post, li jghid li l-bieba kienet *"miftuha mhix illokkjata"*[4] u *"Il-bieba sibtha miftuha mbexxqa u mhux illukjata.."*[5]. Fil-fatt fir-ritratt esebit u mmarkat FS121727 12 COK 108 mis-*scene of crime officer*, PS36 Sergio Azzopardi, li kien prezenti waqt li fuq il-post kien qed jaghmel l-access l-istess Zammit, il-bieba tidher imbexxqa, mhux maghluqa ghal kollox.[6] Anke l-espert Coleiro jghid *"il-bieba tan-naha tax-xufier instabet inbexxqa jigifieri mhux maghluqa sew"*.[7]

Illi l-espert **Peter Paul Coleiro** fir-rapport minn tieghu jikkonkludi li wara li persuna fethet il-bieba tan-naha tax-xufier, din tefghet ammont ta' likwidu mhux specifikat ta' "accelerant" principalment fuq is-seat tax-

---

[1] Fol.56
[2] Fol.5
[3] Access mizmum fl-10.15am – vide fol. 99 u 104
[4] Fol.101
[5] Fol.192
[6] Vide fol.99 u ritratti esebiti a fol.81 fejn jidher l-espert Zammit.
[7] Fol.39

xufier. Xi ftit minn dan il-likwidu waqa' fuq it-tapit tal-lastiku li hemm taht is-seat kemm tax-xufier kif ukoll tal-passiggier. Ikompli li *"il-persuna qabdet bicca karta li aktarx kienet imcappsa ukoll b'dan il-likwidu …in-nar ha f'daqqa, mghejjun mill-accellerant u hawnhekk din il-persuna kienet soddisfatta li vettura ha tiehu n-nar u tispicca fix-xejn, u ghalaq il-bieba tal-vettura (aktarx sakkara)….Dan il-process ta' nar u duhhan baqa ghaddej ghal ftit minuti ohra sakemm l-arja, u primarjament l-ossiginu spicca minn go l-vettura. …il-bieba kienet maghluqa u li b'hekk l-arja ma setghetx tidhol bir-rizultat li n-nar faga'"*. L-espert ikkonkluda li min ghamel dan l-att ma kellux gharfien fuq nirien ghaliex kieku halla apertura miftuha n-nar kien jinfirex hafna aktar. [8]

Illi l-istess espert jghaddi biex jikkonkludi li kien l-imputat li wettaq dan id-delitt u primarjament ghaliex: (i) il-licenzja kienet ser tiskadilu fi zmien xahar; (ii) minhabba li xi jiem qabel kien zbarazza l-vettura mill-karti li kien normalment izomm fiha biex din titnaddaf – fatt li qallu bih l-imputat innifsu!; u (iii) il-vettura kienet mghammra b'*central lock* izda l-bibien kollha ghajr dik tax-xufier kienu baqghu msakkrin (u cioe` il-bieba ta' wara u l-bieba tal-passigier) - ghall-espert dan fisser li  kieku infethet bieba wahda qabel ma nbeda n-nar, l-bibien kollha kienu ser jibqghu miftuhin.[9]

Pero` minn imkien ma jirrizulta li *central locking sytem* kien qieghed jahdem sa qabel ma nghatat in-nar il-vettura. Bajada ma semma' xejn dwar dan ma Coleiro u lanqas meta gie mitkellem mill-esperti Zammit u Aquilina. Ghalhekk ma giex pruvat li fil-fatt is-*central locking system* kien qed jahdem sew qabel mal-vettura nghatat in-nar. Lanqas ma saret xi prova fuq xi vettura tal-istess ghamla, Freelander ohra, sabiex jigi accertat jekk hux possibli li bil-bieba sokkjuza jahdimx xorta wahda is-central locking.

Fattur iehor hu l-fatt li meta l-espert Coleiro ezamina l-vettura, dan sar sighat wara li kien sar l-access minn Joseph Zammit. Filwaqt li Zammit wasal fuq il-post saghtejn wara li dahal ir-rapport *"Verbal tal-Acess mizmum llum 3 ta' Settembru, 2012 fl-10:15am…"*[10], Coleiro acceda fuq il-

---

[8] Fol.53-55

[9] Fol.58

[10] Fol.99 u Vide *incident report time* 8:15 a fol. 3

post fit-3pm izda *"l-investigazzjoni ma setghetx tibda qabel is-sitta ta' filghaxija minhabba ix-xita qalila li nizlet dakinhar"*.[11]

Dan it-trapass ta' aktar minn 6 sighat bla dubbju hu r-raguni ghaliex Zammit jinnega li l-bieba tal-passigier kienet msakkra. Hu assuma li galadarba kien hemm *central lock,* u l-bieba tas-sewwieq kienet infethet, allura l-bibien l-ohra kienu miftuha. Ma ppresta l-ebda attenzjoni ghall-bieba tal-passiggier *"Ma tajtx kaz fil-bieba tal-passigier….Ma ppruvajthiex"*.[12] Joseph Zammit ma kienx ghadu fuq il-post meta l-espert Coleiro jghid li kellu jghaddi mit-tieqa ta' wara, li kienet imnizzla[13] sabiex jiftah il-*lock* tal-bieba tal-passigier.

Ghaldaqstant tenut kont li l-ewwel espert fuq il-post ma ghamel ebda osservazzjoni dwar il-bieba, ma jistax jinghad b'certezza jekk filghodu dik il-bieba kienitx miftuha wkoll jew kienitx msakkra kif sabha filghaxija l-espert Coleiro. L-istess espert isemmi wkoll li kien gie nfurmat mill-imputat li t-tieqa ta' wara waqghet ghal gol-bieba waqt l-access li kien sar aktar kmieni minn Zammit. Pero` lanqas dan il-fatt ma jissemma fir-rapport ta' Zammit[14] ghalkemm hemm biss ritratt, JZ9 (formanti parti minn 9 ritratti annessi mar-relazzjoni tieghu) li juri l-bieba ta' wara bla tieqa. Jibqa ma jinkludix dan il-fatt fil-konstatazzjonijiet tieghu dwar hsarat li garrbet il-vettura.

Il-qorti ma tistax ma tinnutax ukoll li l-aktar hsara qeghda fuq il-bieba tal-passigier milli fuq il-bieba tax-xufier u ghalhekk ma jistax jigi eskluz li l-bieba issakret kagun tal-hruq li kien hemm mal-istess bieba. Ma saru l-ebda ezamijiet fuq l-*eletronic system* tal-vettura, u senjatament fuq is-*central locking system*, sabiex jigi accertat jekk wara kollox din is-sistema kienitx difettuza w jekk hekk kien il-kaz, jekk dik il-hsara kienitx dovuta ghan-nirien li hakkmu l-vettura.

Illi l-espert Coleiro isemmi ukoll kif gie mxerred accellerant biex il-vettura tinghata n-nar, li fil-fehma tieghu kien likwidu ta' kulur orangjo li jixbah zejt li jintuza fil-lampi tal-fjakkoli.[15] Dwar dan l-accellerant jitkellem anke Zammit li nnota li fuq gewwa tal-vettura gie mxerred

[11] Fol.36
[12] Fol.193
[13] Fol.38
[14] Fol.39
[15] Fol.47

*"abbundanza ta' likwidu flammabli kif ukoll fuq barra, kebbsu n-nar….ma kompliex jiehu billi kienet niezla x-xita u ftit mmarka ghajr ghal bidu ta' hruq fuq il-genb tal-lemin."*[16] Fix-xhieda tieghu Zammit jghid *"kien hemm likwidu mxerred fuq gewwa u kien hemm anke that u fil-genb tal-karozza fuq il-genb tal-lemin taghha taht il-bankina."*[17] L-espert Zammit esebixxa numru ta' ritratti li juru dan it-tixrid mal-art vicin ir-rota ta' quddiem.[18] Minn naha tieghu l-Perit Aquilina jsemmi li l-vettura *"Ma kellha l-ebda zgass. Is-seats ta' quddiem u t-tapezzerija tas-saqaf kienu mahruqa u gewwa kien kollu iswed. Taht il-karozza kien hemm roqgha b'rieha ta' petrol."*.[19]

Dwar dan il-likwidu, ossia l-accellerant li jissemma li gie mxerred, il-**Professur Alfred Vella** analizza kampjuni mehuda mill-vettura fejn deher l-likidu orangjo. L-espert jikkonkludi li dik is-sustanza kienet *pyrolysate*, li tigi ifformata mill-istess tishin ta' ogetti organici, bhal plastiks u tessili, li kienu fil-vettura u sabu ruhhom taht *thermal stress*. Ma nstab l-ebda fuel jew xi materjal iehor li seta' jiffunzjona bhala *fuel* (ez. *thinner* jew *solvent*).[20]

Illi **Dr. Daniel Vella** ghamel analizi fuq karta li nstabet parzjalment mahruqa fil-vettura u xehed hekk: *"kien hemm zewg testijiet li saru, wiehed ghal residwu solidu, xi haga solida mikroskopika f'dan il-kaz li kienet qeghda fuq il-karti jew setghet qeghda fuq il-karta u minn hemmekk ma nstab xejn. Sar test iehor fejn giet estratta l-arja ta' gol-borza ghal tfittix ta' xi accellerant li seta' kien hemm, f'dan il-kaz l-accellerant tal-forma likwida, bhal per ezempju petrol jew diesel jew pitrolju u hemmekk ma nstab xejn lanqas."*.[21]

Ghalhekk l-ipotesi li xxerred likwidu li agixxa bhala accellerant ma ssarfitx f'fatt. Stranament ma ttiehed l-ebda kampjun tal-gmied u tal-likwidu li nstab fuq in-naha ta' barra hdejn ir-rota[22] u ghaldaqstant kif tkebbes in-nar baqa' ma gie pruvat bl-ebda mod.

---

16 Fol. 95-96

17 Fol.145

18 Fol.107, **JZ1, JZ3** u **JZ4**

19 Fol.121

20 Fol.73

21 Fol.199

22 **FS121727 12 COK 124** u **FS121727 12 COK 125**

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali din il-Qorti ma tista' ssib xejn li jorbot dan id-delitt mal-imputat. Daqs kemm jista jkun l-awtur tieghu daqstant iehor jista' jkun il-vittma tieghu.

Illi unikament ghall-fini ta' kompletezza ma jistax ma jigix sottolinejat li l-ewwel imputazzjoni ma gietx formulata skond il-ligi. Ghalkemm jidher li r-reat prospettat biha hu dak ravvizat bl-artikolu 295 tal-Kodici Kriminali, il-frodi dwar sigurta`, il-prosekuzzjoni ghazlet li zzid mieghu l-ghemil ta' rapport falz tant li l-istess akkuza jinghad li sehhet fl-Ghassa tan-Naxxar, meta d-delitt ravvizat bl-artikolu 295 tal-Kodici, kemm il-darba verament sehh reat, sehh band'ohra.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmela Micallef,** deċiża mill-Imħallef William Harding nhar is-16 t'April 1955:

> Fil-kaz prezenti, l-ufficjal prosekutur uza lokuzzjoni ibrida, u li ma ssibx ebda korrispondenza fit-test tal-ligi, la f'inciz wiehed u anqas fl-iehor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege" ….. jehtieg li tigi abbundanata darba ghal dejjem din id-drawwa li tigi uzata mill-ufficjal prosekutur lokuzzjoni spurja, li ma ssibx riskontru taghha fil-ligi, u li biha l-Prosekuzzjoni qiesha trid li l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' fatt li, kif formulat, ma jaqghax taht ebda dispozizzjoni tal-ligi…….
>
> Imma jehtieg li fl-imputazzjoni r-reat jigi formulat skond il-ligi altrimenti reat ma hemmx; ghax il-kliem inventati mill-ufficjal prosekutur, u mhux in konformita mal-ligi, ma joholqux reat.[23]

[sottolinejar tal-Qorti]

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ukoll kellha okkazzjoni tittratta dan il-punt u ddecidiet:

> Għaldaqstant ir-reat ipotizzat bl-ebda mod, għajr ħlief permezz t'immaġinazzjoni fertilissima, ma jista' jintegra dan ir-reat.
>
> Biss minkejja li ġie ipotizzat dan ir-reat taħt dak l-Artikolu, jirriżulta li l-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni ma tirrispekkjax dan l-Artikolu u huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti tifhem kif il-Prosekuzzjoni tista' tirrikonċilja l-imputazzjoni mal-Artikolu minnha ċitat.[24]

---

[23] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. XXXIXE(1955), p.1015

[24] **Il-Pulizija vs Eusebio Buhagiar**, per Onor. Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja Deciza 03.06.2016.

Sentenza ohra f'dan is-sens moghtija mill-istess Qorti kienet dik **Il-Pulizija vs Christopher Abela:**

> Iżda minn qari tal-imputazzjoni jirriżulta li l-kliem użat f'din l-imputazzjoni jirrifletti aktar ir-reat ta' fastidju aktar milli r-reat ta' daqq ta' strumenti tal-mużika jew għajjat fit-triq jew fi ħwienet. Għalkemm huwa minnu li hemm ġurisprudenza paċifika li ċ-ċitazzjoni hija ritenuta bħala "*avviso a comparire*", mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora li l-azzjoni hija ta' natura penali u għalhekk irid ikun hemm ċerta preċiżjoni fil-mod ta' kif imputazzjoni tiġi redatta u dan sabiex l-imputat ikun jista' jiddefendi ruħu għaliha. ….. Bħal ma ġara f'dak il-każ, f'dan il-każ, il-lokuzzjoni tal-imputazzjoni tgħaqqad fiha biċċa minn reat u biċċa minn reat ieħor. Il-Qorti Kriminali kienet tenniet li din il-lokuzzjoni ibrida ma ssibx korrispondenza fit-test tal-Liġi, la f'inċiż wieħed u l-anqas f'ieħor u meta hu hekk il-konsegwenza hija li "*nullum crimen sine lege*". Għalhekk ikkonkludiet li r-reat irid ikun formulat skont il-Liġi għax altrimenti reat ma hemmx. [25]
> [sottolinejar tal-Qorti]

Illi galadarba l-prosekuzzjoni ghazlet takkuza lill-imputat bir-reat prospettat bl-artikolu 295 tal-Kodici Kriminali, din kellha minn tal-inqas tistharreg jekk fil-perjodu bejn meta sehh l-incident fl-2012, ghal meta tressaq akkuzat bl-akkuzi odjerni erba (4) snin wara, saritx xi *claim* mill-imputat mal-kumpanija assikurattiva tieghu sabiex jithallas tad-danni subiti, jew dwar x'tip ta' *insurance policy* kellu ghalkemm l-imputat iddikjara mal-Perit Aquilina li kienet *insured comprehensive*.[26] Lanqas ma ngabet prova dwar kemm effetivament kienet stmata l-vettura tieghu tenut kont li kienet manifatturata fl-2004.[27] Jissemma izda, minn rapprezentant ta' Transport Malta li l-vettura giet *garaged*; indikazzjoni li baqghet ma saret l-ebda *claim* fuqha.[28]

Illi kkunsidrati dawn ir-rizultanzi processwali l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

---

[25] Deciza 04.10.2016
[26] Fol.120
[27] Fol.139
[28] Ibid.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**